MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-10 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1046/2003

**Bezzina Ship Repair Yard Ltd.**

**Vs**

**M.V. MARWA**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici ghamlet diversi xoghlijiet fuq il-bastiment M.V. Marwa kif ukoll provdiet xi servizzi ancillari lill-istess bastiment, kollox skond ma jirrizulta mill-invoices annessi mac-citazzjoni u mmarkati bhala Dok. A u B;

Illi l-ammont globali li kien dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni max-xogholijiet u servizzi rezi lill-bastiment fuq imsemmi kien ta' tnejn u ghoxrin elf, erba' mija, tnejn u hamsin Lira Maltin (Lm22,452.00), izda li minnhom thallset akkont is-somma ta' ghaxart elef, disa' mija, disgha u tmenin Lira Maltin (Lm10,989.00);

Illi ghalhekk is-socjeta' attrici ghandha tiehu l-bilanc ammontanti ghall-hdax-il elf, erba' mija, tlieta u sittin Lira Maltin (Lm11,463.00) bhala hlas ghax-xoghlijiet u servizzi rezi lill-imsemmi bastiment deskritti aktar dettaljatament fl-invocies esebiti bhala Dok. A u B;

Illi nonostante illi saret talba ghall-hlas da parti tas-socjeta` attrici ghas-somma fuq imsemmija dan ma sarx;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta` attrici l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza ai termini ta' l-Artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Talbet illi din il-Qorti:

1. taqta' u tiddeciedi l-kawza ai termini ta' l-Artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe` bid-dispensa tas-smigh tal-kawza; u

2. tikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax-il elf, erba' mija, tlieta u sittin Lira Maltin (Lm11,463.00) lilha dovuta – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali kalkolabbli mid-dati tal-provista tas-servizz u bl-ispejjez komprizi dawk ghall-prezentata tal-Mandati Kawtelatorji ta' Qbid u Impediment tal-Partenza numri 1664/03 u 1663/03 rispettivament kontra l-vapur, kontra l-konvenut.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Oscar Delia u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-bastiment konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa’ ma deher hadd ghall-bastiment konvenut.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’ l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa’ t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------